BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STQARRIJA GĦALL-MEDIA

**10 ta' Awwissu 2018**

## PUBBLIKAZZJONI TAR-RAPPORT DWAR L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA GĦAS-SENA 2017

Il-Bank Ċentrali ta' Malta qed jippubblika l-għaxar edizzjoni tar-Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja, u jkopri l-iżviluppi fis-sistema finanzjarja Maltija matul l-2017. Ir-Rapport jevalwa r-riskji ewlenin li jistgħu potenzjalment idgħajfu s-sistema finanzjarja u miżuri proposti jew implimentati bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema. Din l-evalwazzjoni hija supplimentata wkoll b'numru ta' testijiet tal-istress li jevalwaw avvenimenti estremi iżda plawżibbli. L-analiżi tiffoka fuq is-settur bankarju Malti li hu mqassam f'*core domestic banks*, *non-core domestic banks* u banek internazzjonali, kif ukoll fondi ta' assigurazzjoni u investiment iffukati fuq is-suq lokali. Ir-Rapport jinkludi numru ta' siltiet dwar inizjattivi tal-UE li jindirizzaw is-self fejn il-ħlas qiegħed b'lura (*non-performing loans, NPLs*); analiżi tas-suq ta' *bonds* maħruġa minn kumpaniji f'Malta; żviluppi fis-self lil kumpaniji mhux finanzjarji, kif ukoll silta li tagħti dettalji dwar ir-riżultati tal-istħarriġ dwar is-self tal-banek *(Bank Lending Survey)*.

L-andament b'saħħtu tal-ekonomija Maltija kompla jsaħħaħ is-solidità u r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja domestika. F'dan l-isfond, il-*core domestic banks* żammew profitti b'saħħithom minkejja sfidi li jirriżultaw minn xenarju aktar fit-tul ta' rata baxxa tal-imgħax, tkabbir imrażżan fis-self, u tibdil fir-rekwiżiti regolatorji. Il-qligħ tagħhom fuq l-assi u l-ishma kien ta' 9.3% u 0.68% rispettivament, ħafna aħjar minn dak ta' banek simili Ewropej.

It-tkabbir ekonomiku b'saħħtu wassal biex ir-riskju ta' kreditu kompla jonqos u dan ġie rifless f'titjib fil-kwalità tas-self u kif ukoll f'titjib fil-kwalità ta' min jissellef. Il-banek komplew isaħħu l-*balance sheets* tagħhom u dan ikkontribwixxa wkoll għal tnaqqis fil-livell tal-*NPLs.* Il-proporzjon tal-*NPL* għall-*core domestic banks* kompla jinżel għal 4.1%, xprunat l-aktar mit-titjib fis-self lill-kumpaniji. Ir-reviżjoni tar-Regola Bankarja 09/2016 tal-MFSA, li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2017, hi mistennija li tkompli tnaqqas iktar il-livell tal-*NPLs*.

Il-*core domestic banks* komplew isaħħu l-livelli tagħhom tal-kapital bil-*Capital Adequacy Ratio u t-Tier 1 Capital Ratio* jkunu 16.8% u 14.7% rispettivament, livelli li jilħqu l-minimu mitlub mir-regoli bankarji u żidiet kapitali oħrajn, fejn applikabbli. Huma komplew ukoll joperaw b'*buffers* għoljin ta' likwidità kif muri fil-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (*LCR*) ta' madwar 184%, 'il fuq sew mir-regoli mitluba meta dawn jidħlu fis-seħħ.

Ir-rabtiet tan-*non-core domestic banks* u l-banek internazzjonali mal-ekonomija domestika baqgħu limitati, li fisser li l-potenzjal għal implikazzjonijiet sistemiċi baqa' limitat. Il-mudell tagħhom ta' negozju hu fil-biċċa l-kbira ddiversifikat u jvarja minn

**Bank Ċentrali ta' Malta**
Dipartiment tal-Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Internazzjonali
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

negozju fis-swieq *wholesale* għal servizzi ta' speċjalizzazzjoni offruti lil klijenti *retail*; li jirrifletti l-varjetà fil-kompożizzjoni tal-assi u s-sorsi tal-finanzjament tagħhom. Il-banek fi ħdan dawn iż-żewġ kategoriji żammew *buffers* għoljin tal-kapital li qabżu l-minimi regolatorji u operaw b'likwidità abbundanti, li jnaqqsu kull riskju speċifiku.

Bl-istess mod, ir-riskji minn kumpaniji lokali tal-assigurazzjoni ġew ivvalutati li baqgħu baxxi. Minkejja l-isfidi mill-introduzzjoni tal-qafas ibbażat fuq ir-riskji tas-*Solvency II*, il-kumpaniji lokali tal-assigurazzjoni komplew joperaw b'bażi b'saħħitha ta' kapital mingħajr il-bżonn li jsir tibdil fl-istrateġiji tagħhom ta' investiment. Barra dan, dawn il-kumpaniji tal-assigurazzjoni rrappurtaw titjib konsiderevoli fil-livelli tagħhom ta' profittabbiltà minħabba negozju aħjar ta' sottoskrizzjoni. Sadattant, il-fondi domestiċi ta' investiment baqgħu prudenti, bil-biċċa l-kbira tal-portafoll tal-investiment tagħhom investit f'*bonds*. Ir-riskji li jirriżultaw minn dan is-settur huma meqjusa baxxi.

Sa mill-pubblikazzjoni tar-Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja għas-sena 2016, il-livell ta' riskju naqas aktar minħabba żviluppi ekonomiċi li baqgħu pożittivi. Is-sistema finanzjarja domestika baqgħet b'saħħitha u reżiljenti għal għadd ta' sfidi esterni bħar-reviżjoni fil-prezzijiet tal-assi u t-tħassib rigward is-sostenibbiltà tad-dejn f'diversi pajjiżi Ewropej, fost inċertezzi ġeopolitiċi oħra. Lokalment, l-implikazzjonijiet negattivi li jistgħu jirriżultaw fuq is-sistema finanzjarja Maltija minħabba l-possibbiltà ta' *'hard Brexit'* huma meqjusa limitati. It-tħassib rigward is-sostenibbiltà tad-dejn naqas għall-kumpaniji domestiċi u l-individwi, bil-ġid ta' dawn tal-aħħar ikompli jiżdied wara kundizzjonijiet favorevoli fis-suq tax-xogħol. Tkabbir kajman fis-self, partikolarment lil kumpaniji mhux finanzjarji, kompla jaffettwa l-profittabbiltà tal-banek. Madankollu l-banek għandhom ikomplu jibqgħu prudenti fl-imġiba tagħhom tas-self, isaħħu aktar il-*buffers* tagħhom tal-kapital, irażżnu l-ispejjeż, filwaqt li jkomplu jeżerċitaw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw l-istokk ta' self li ilu għal ħafna żmien klassifikat bħala wieħed fejn il-ħlas qiegħed b'lura.

*Ir-Rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja jista' jitniżżel mis-sit elettroniku* www.centralbankmalta.org *jew jinkiseb fil-forma stampata mill-Bank Ċentrali ta' Malta.*

**Bank Ċentrali ta' Malta**
Dipartiment tal-Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Internazzjonali
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**